

Brussell, 20 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7400/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0140(COD)**

**CODEC 656
TRANS 188
MAR 64
TELECOM 121
MI 249
COMER 40
CYBER 87
ENFOCUSTOM 50
DATAPROTECT 89
IA 96
PE 83**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUZZJONI¹

Ir-rapporteur, Claudia SCHMIDT (PPE, AT), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Ir-rapport kien fih ħamsa u ħamsin emenda (l-emendi 1-55) għall-proposta. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ L-ifformattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat bi proċedura ta' vot uniku dawn l-emendi (l-emendi 1-55) għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (COM(2018)0279 – C8-0191/2018 – 2018/0140(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0279),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 91, 100(2) u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0191/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018,³
 - wara li kkonsulta l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0060/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 265.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika hija vitali **għall-kompetittività** tal-ekonomija tal-Unjoni, għall-funzjonament tas-suq intern u għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tar-reġjuni kollha tal-Unjoni.

Emenda

(1) L-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika hija vitali **għat-tkabbir u l-kompetittività** tal-ekonomija tal-Unjoni, għall-funzjonament tas-suq intern u għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tar-reġjuni kollha tal-Unjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jnaqqas l-ispejjeż tal-ipproċessar tal-informazzjoni dwar it-trasport bejn l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi, li jtejjeb il-kapaċitajiet ta' infurzar tal-awtoritajiet u li jħeġġeġ id-diġitalizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija u l-loġistika.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-moviment tal-merkanzija huwa akkumpanjat minn ammont kbir ta' informazzjoni li għadha tiġi skambjata

Emenda

(2) Il-moviment tal-merkanzija huwa akkumpanjat minn ammont kbir ta' informazzjoni li għadha tiġi skambjata

f'format stampat, fost in-negozji u bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi. L-użu ta' dokumenti tal-karta jirrappreżenta piż amministrattiv sinifikanti għall-operaturi loġistiċi.

f'format stampat, fost in-negozji u bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi. L-użu ta' dokumenti tal-karta jirrappreżenta piż amministrattiv sinifikanti **u spiża addizzjonali** għall-operaturi loġistiċi **u l-industriji relatati (bħall-kummerċ u l-manifattura), b'mod partikolari għall-SMEs, u għandu impatt negattiv fuq l-ambjent.**

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Infurzar effettiv u effiċjenti tar-regoli huwa prerekwiżit għal kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-għodda tal-infurzar hija essenzjali sabiex tiġi liberata l-kapaċità ta' infurzar, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda fuq l-operaturi internazzjonali tat-trasport u b'mod partikolari l-SMEs, jiġu indirizzati aħjar l-operaturi tat-trasport b'riskju għoli u jiġu identifikati prattiki frawdolenti. Dan l-infurzar diġitali "intelliġenti" jeħtieġ li l-informazzjoni rilevanti kollha ssir mingħajr karti u tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti f'forma elettronika. Għalhekk, fil-futur, l-użu ta' dokumenti dwar it-trasport elettroniċi jenħtieġ li jsir ir-regola. Barra minn hekk, sabiex l-uffiċjali tal-infurzar, inklużi dawk li jwettqu kontrolli fil-ġenb tat-triq, jiġu pprovduti b'ħarsa ġenerali ċara u kompleta tal-operaturi tat-trasport li qed jiġu kkontrollati, dawn jenħtieġ li jkollhom aċċess dirett u fil-ħin reali għall-informazzjoni rilevanti kollha, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw każijiet ta' ksur u anormalitajiet aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) In-nuqqas ta' qafas legali uniformi fil-livell tal-Unjoni li jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jaċċettaw informazzjoni relevanti dwar it-trasport tal-merkanzija, meħtieġa mil-leġiżlazzjoni, f'forma elettronika, hija r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress lejn is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tal-mezzi elettroniċi. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi tal-informazzjoni f'forma elettronika jaffettwa mhux biss il-faċilità tal-komunikazzjoni bejniethom u mal-operaturi iżda, indirettament, ixekkel ukoll l-iżvilupp ta' komunikazzjoni elettronika simplifikata bejn negozju u ieħor fl-Unjoni kollha.

Emenda

(3) In-nuqqas ta' qafas legali uniformi fil-livell tal-Unjoni li jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jaċċettaw informazzjoni relevanti dwar it-trasport tal-merkanzija, meħtieġa mil-leġiżlazzjoni, f'forma elettronika, hija r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress lejn is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tal-mezzi elettroniċi. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi tal-informazzjoni f'forma elettronika jaffettwa mhux biss il-faċilità tal-komunikazzjoni bejniethom u mal-operaturi iżda, indirettament, ixekkel ukoll l-iżvilupp ta' komunikazzjoni elettronika simplifikata bejn negozju u ieħor fl-Unjoni kollha ***u se jwassal għal żieda fl-ispejjeż amministrattivi, speċjalment għall-SMEs.***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Xi oqsma tal-liġi tat-trasport tal-Unjoni jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw informazzjoni diġitalizzata, iżda dan fil-biċċa l-kbira ma jirrigwardax il-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***jkun*** possibbli li jintużaw mezzi elettroniċi biex l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija ssir disponibbli għall-awtoritajiet fit-territorju kollu tal-Unjoni u fir-rigward tal-fażijiet rilevanti kollha tal-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika għall-informazzjoni

Emenda

(4) Xi oqsma tal-liġi tat-trasport tal-Unjoni jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw informazzjoni diġitalizzata, iżda dan fil-biċċa l-kbira ma jirrigwardax il-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni. ***Biex jonqsu l-piżijiet amministrattivi u biex il-kontrolli u l-għlieda kontra l-ksur ikunu iktar effiċjenti,*** jenħtieġ li ***dejjem ikun*** possibbli li jintużaw mezzi elettroniċi biex l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija ssir disponibbli għall-awtoritajiet fit-territorju kollu tal-Unjoni u fir-rigward tal-fażijiet rilevanti kollha tal-

regolatorja kollha, fil-mezzi kollha tat-transport.

operazzjonijiet tat-transport imwettqa fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika għall-informazzjoni regolatorja kollha, fil-mezzi kollha tat-transport. *L-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw dokumenti tat-transport elettroniċi b'mod ġenerali, u jirratifikaw u japplikaw il-protokoll e-CMR mingħajr dewmien. Għalhekk, l-awtoritajiet jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati fir-rigward tal-informazzjoni regolatorja u jagħmlu d-data tagħhom disponibbli b'mod diġitali, f'konformità mal-liġi applikabbli.*

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex ikun hemm aċċess għal kapaċità ta' infurzar li hija skarsa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni regolatorja.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6

(6) Peress li dan ir-Regolament huwa maħsub biss biex jiffaċilita l-ġħoti tal-informazzjoni, u speċifikament b'mezzi elettroniċi, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li jiddeterminaw il-kontenut tal-informazzjoni regolatorja u, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma jimponu l-ebda rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja addizzjonali. **Filwaqt li** dan ir-Regolament huwa maħsub biex jippermetti l-konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja permezz ta' mezzi elettroniċi iżjed milli permezz ta' dokumenti stampati, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar rekwiżiti li jirrigwardaw id-dokumenti li suppost jintużaw għall-preżentazzjoni strutturata tal-informazzjoni inkwistjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-vjeġġi ta' skart li jkun fihom rekwiżiti proċedurali għall-vjeġġi ukoll mistennija li ma jintlaqtux minn dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew f'atti ta' implimentazzjoni jew iddelegati adottati skont it-termini tiegħu.

(6) Peress li dan ir-Regolament huwa maħsub biss biex jiffaċilita **u jħeġġeġ** l-ġħoti tal-informazzjoni **bejn l-operaturi ekonomiċi u l-korpi amministrattivi**, u speċifikament b'mezzi elettroniċi, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li jiddeterminaw il-kontenut tal-informazzjoni regolatorja u, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma jimponu l-ebda rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja addizzjonali. **Billi** dan ir-Regolament huwa maħsub biex jippermetti l-konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja permezz ta' mezzi elettroniċi iżjed milli permezz ta' dokumenti stampati, jenħtieġ li dan **jippermetti l-iżvilupp ta' Pjattaformi Ewropej sabiex ikun hemm skambju u kondiviżjoni faċli tal-informazzjoni. Jenħtieġ li dan** ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar rekwiżiti li jirrigwardaw id-dokumenti li suppost jintużaw għall-preżentazzjoni strutturata tal-informazzjoni inkwistjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-vjeġġi ta' skart li jkun fihom rekwiżiti proċedurali għall-vjeġġi ukoll mistennija li ma jintlaqtux minn dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew f'atti ta' implimentazzjoni jew iddelegati adottati skont it-termini tiegħu. **Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk hemmx bżonn li d-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tar-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja dwar it-trasport ta' merkanzija fit-territorju tal-Unjoni jiġu adattati sabiex jittejbu l-kapaċitajiet ta' infurzar tal-awtoritajiet kompetenti.**

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fid-definizzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet, jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-iskambju tad-data stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni u fl-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti għall-iskambju multimodali tad-data u mudelli ***tad-data*** eżistenti, kif ukoll il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà²⁷, li jipprovdi approċċ għat-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali Ewropej miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa wkoll biex dawn l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali u miftuħa għal teknoloġiji innovattivi.

²⁷ Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Strateġija ta' Implimentazzjoni, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, (COM(2017)134).

Emenda

(9) Fid-definizzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet, jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-iskambju tad-data stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni u fl-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti għall-iskambju multimodali tad-data, ***inklużi d-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll l-investimenti li jsiru mill-operaturi ekonomiċi u għalhekk jenħtieġ li jitqiesu wkoll mudelli ta' data speċifiċi għall-modalità*** eżistenti, kif ukoll il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà²⁷, li jipprovdi approċċ għat-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali Ewropej miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri. ***Barra minn hekk, l-involviment xieraq tal-partijiet interessati rilevanti kollha huwa importanti fl-iżvilupp u t-tħejjija ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet.*** Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa wkoll biex dawn l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali u miftuħa għal teknoloġiji innovattivi.

²⁷ Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Strateġija ta' Implimentazzjoni, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, (COM(2017)134).

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex tinbena l-fiduċja kemm tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-konformità tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ma' dawk ir-rekwiżiti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ sistema ta' ċertifikazzjoni msejsa fuq akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸.

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda

(11) Biex tinbena l-fiduċja kemm tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-konformità tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ma' dawk ir-rekwiżiti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ sistema ta' ċertifikazzjoni msejsa fuq akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. ***Minħabba l-perjodu ta' implimentazzjoni relattivament twil, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk it-teknoloġiji bħat-teknoloġija tal-blockchain jistgħux jiggarrantixxu riżultat simili bħas-sistema ta' ċertifikazzjoni filwaqt li sostanzjalment inaqqsu l-ispejjeż għall-operaturi ekonomiċi u għall-Istati Membri.***

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 12**

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligu li tiġi aċċettata informazzjoni regolatorja disponibbli f'format elettroniku skont dan ir-Regolament,

Emenda

imħassar

jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex din tistabilixxi sett u sottosettijiet komuni ta' data fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-awtoritajiet kompetenti għall-aċċess u għall-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni fejn l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli b'mod elettroniku, inklużi regoli dettaljati u speċifikazzjonijiet tekniċi.

imħassar

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex din tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI u għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

imħassar

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 15 - inċiż 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- jiġu stabbiliti proċeduri komuni, speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli dettaljati għall-awtoritajiet kompetenti għall-aċċess u l-ipproċessar tar-rekwiżiti ta' informazzjoni rispettivi koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI u għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibda taħdem immedjatament fuq l-atti delegati sabiex tevita aktar dewmien u tiżgura li l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jippreparaw.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali għall-komunikazzjoni elettronika ta' informazzjoni regolatorja relatata mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament:

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali għall-komunikazzjoni elettronika ta' informazzjoni regolatorja relatata mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni, **inkluża l-interoperabbiltà tiegħu**. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament:

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu meħtieġa jaċċettaw informazzjoni regolatorja **meta ssir disponibbli** b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi involuti;

Emenda

(a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu meħtieġa jaċċettaw informazzjoni regolatorja **provvduta** b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi involuti;

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-operaturi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa jagħmlu disponibbli l-informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri iridu jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni regolatorja.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament japplika għar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja stabbiliti fl-atti tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni skont it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat, jew li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-vjeġġi ta' skart. Fir-rigward tal-vjeġġi ta' skart, dan ir-Regolament ma japplikax għal kontrolli mill-uffiċċji doganali, kif previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni. Dawk l-atti tal-Unjoni li japplika għalihom dan ir-Regolament u r-rekwiżiti korrispondenti tal-informazzjoni regolatorja jinsabu elenkati fil-Parti A tal-Anness I.

Dan ir-Regolament japplika għar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja stabbiliti fl-atti tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni skont it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat, jew li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-vjeġġi ta' skart ***u r-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja għat-trasport tal-merkanzija stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli fl-Unjoni.*** Fir-rigward tal-vjeġġi ta' skart, dan ir-Regolament ma japplikax għal kontrolli mill-uffiċċji doganali, kif previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni. Dawk l-atti tal-Unjoni li japplika għalihom dan ir-Regolament u r-rekwiżiti korrispondenti tal-informazzjoni regolatorja jinsabu elenkati fil-Parti A tal-Anness I.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jinkorpora referenzi għal atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw it-trasport ta' merkanzija, li jistabbilixxu rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) jinkorpora referenzi għal konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli fl-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja relatati direttament jew indirettament mat-trasport tal-merkanzija.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 Rekwiżiti ***għal operaturi*** ekonomiċi kkonċernati

Rekwiżiti ***għall-operaturi*** ekonomiċi kkonċernati

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħmlu disponibbli informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku, għandhom jagħmlu dan abbażi ta' data pproċessata fi pjattaforma ċertifikata tal-eFTI u, jekk applikabbli, minn fornitur tas-servizzi tal-eFTI ċertifikat. L-informazzjoni regolatorja għandha ssir disponibbli f'format li jista' jinqara mill-magni u, fuq talba tal-awtorità kompetenti, f'format li jista' jinqara mill-bniedem.

Emenda

L-operaturi ekonomiċi kkonċernati **għandhom** jagħmlu disponibbli informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku. Għandhom jagħmlu dan abbażi ta' data pproċessata fi pjattaforma ċertifikata tal-eFTI, **bi qbil mal-Artikolu 8**, u, jekk applikabbli, minn fornitur tas-servizzi tal-eFTI ċertifikat, **bi qbil mal-Artikolu 9**. L-informazzjoni regolatorja għandha ssir disponibbli f'format li jista' jinqara mill-magni u, fuq talba tal-awtorità kompetenti, f'format li jista' jinqara mill-bniedem.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-magni għandha ssir disponibbli permezz ta' konnessjoni awtentikata u sigura mas-sors tad-data ta' pjattaforma tal-eFTI. L-operaturi ekonomiċi kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-indirizz tal-Internet li permezz tiegħu tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor li jkun meħtieġ biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tidentifika b'mod uniku l-informazzjoni regolatorja.

Emenda

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-magni għandha ssir disponibbli permezz ta' konnessjoni awtentikata, **interoperabbli** u sigura mas-sors tad-data ta' pjattaforma tal-eFTI. L-operaturi ekonomiċi kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-indirizz tal-Internet li permezz tiegħu tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor li jkun meħtieġ biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tidentifika b'mod uniku l-informazzjoni regolatorja.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Emenda

Aċċettazzjoni **u għoti ta' informazzjoni regolatorja** mill-awtoritajiet kompetenti

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw elettronikament mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati dwar l-informazzjoni regolatorja.

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha ***tistabbilixxi dawn li ġejjin permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:***

Emenda

Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 13, sabiex tistabbilixxi dan li ġej:***

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-validazzjoni tal-identità ta' kwalunkwe persuna fiżika jew entità ġuridika li toħroġ dikjarazzjonijiet

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mudelli ta' data u settijiet ta' data eżistenti u standardizzati identifikati f'konvenzjonijiet internazzjonali li huma applikabbli fl-Unjoni għandhom jintużaw bħala referenza għad-definizzjoni ta' dawn id-data, proċeduri u regoli ta' aċċess komuni tal-eFTI.

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

imħassar

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pjattaformi tal-eFTI użati għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li

1. ***Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom ikunu rregolati mill-prinċipji ġenerali tan-newtralità teknoloġika kif ukoll l-***

jiżguraw li:

interoperabbiltà. Il-pjattaformi tal-eFTI użati għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jiżguraw li:

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-data personali **tkun tista'** tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda

(a) id-data personali **trid** tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 8 - paragrafu 1 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-data kummerċjali tkun **tista'** tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 6;

Emenda

(b) id-data kummerċjali tkun **trid** tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 6;

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 8 - paragrafu 1 - punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) li l-pjattaformi tal-eFTI u d-data li tinsab fihom ikunu interoperabbli;

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tkun tista' tiġi stabbilita konnessjoni unika ta' identifikazzjoni elettronika bejn id-data pproċessata u d-dispaċċ fiżiku ta' sett determinat ta' oġġetti li magħhom tkun relatata dik id-data, mill-orijini sad-destinazzjoni, taħt it-termini ta' kuntratt ta' trasport uniku, ***irrispettivament mill-kwantità jew mill-għadd ta' kontenituri, pakketti, jew biċċiet;***

Emenda

(c) tkun tista' tiġi stabbilita konnessjoni unika ta' identifikazzjoni elettronika bejn id-data pproċessata u d-dispaċċ fiżiku ta' sett determinat ta' oġġetti li magħhom tkun relatata dik id-data, mill-orijini sad-destinazzjoni, taħt it-termini ta' kuntratt ta' trasport uniku jew ***nota ta' kunsinna;***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) L-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess immedjat għall-informazzjoni rilevanti kollha, kif previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni, sabiex jiżguraw l-ordni pubblika u l-konformità mal-atti legali tal-Unjoni li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija skont it-Titolu VI tal-Parti Tlieta tat-Trattat;

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) l-elementi ta' data pproċessati jkunu jikkorrispondu mas-sett u mas-sottosettijiet

(h) l-elementi ta' data pproċessati jkunu jikkorrispondu mas-sett u mas-sottosettijiet

komuni ta' data tal-eFT, u jkunu jistgħu jiġu pproċessati fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

komuni ta' data tal-eFTI, u jkunu jistgħu jiġu pproċessati fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni ***jew ko-uffiċjal fi Stat Membru.***

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għandu jkun hemm format standardizzat tal-eFTI li jinkludi r-rekwiżiti kollha ta' informazzjoni regolatorja elenkati fil-parti A tal-Anness 1 u r-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja kollha elenkati fil-parti B tal-Anness 1 skont taqsima ddeżinjata u distinta tal-format tal-eFTI elenkat mill-Istati Membri.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli*** dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).***

2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati skont l-Artikolu 13 sabiex tistabbilixxi regoli*** dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) id-data hija interoperabbli

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) id-data tkun maħżuna u aċċessibbli ***tul perjodu xieraq ta' żmien***, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;

(b) id-data tkun maħżuna u aċċessibbli ***għal erba' snin***, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-awtoritajiet ***ikollhom*** aċċess immedjat għal informazzjoni regolatorja li tirrigwarda operazzjoni tat-trasport tal-merkanzija pproċessata permezz tal-pjattaformi tal-eFTI tagħhom, meta dan l-aċċess jingħata lill-awtoritajiet minn operatur ekonomiku kkonċernat;

(c) l-awtoritajiet ***kompetenti jkollhom*** aċċess immedjat għal informazzjoni regolatorja li tirrigwarda operazzjoni tat-trasport tal-merkanzija pproċessata permezz tal-pjattaformi tal-eFTI tagħhom, meta dan l-aċċess jingħata lill-awtoritajiet ***kompetenti*** minn operatur ekonomiku kkonċernat;

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemija fil-paragrafu 1. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 14(2).***

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 sabiex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemija fil-paragrafu 1.

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom iżommu lista aġġornata tal-korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità, u tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ċċertifikati minn dawk il-korpi f'konformità mal-Artikoli 11 u 12. Dawn għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit uffiċjali tal-internet tal-gvern. Il-lista għandha tiġi aġġornata ***b'mod regolari***, u mhux aktar tard mill-31 ta' ***Marzu*** ta' kull sena.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom iżommu lista aġġornata tal-korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità, u tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ċċertifikati minn dawk il-korpi f'konformità mal-Artikoli 11 u 12. Dawn għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit uffiċjali tal-internet tal-gvern. Il-lista għandha tiġi aġġornata ***mingħajr dewmien kull darba li ssir bidla fl-informazzjoni li jkun fiha***, u mhux aktar tard mill-31 ta' ***Mejju*** ta' kull sena.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sal-31 ta' ***Marzu*** kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-listi msemija fil-paragrafu 3 lill-

Emenda

4. Sal-31 ta' ***Mejju*** kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-listi msemija fil-paragrafu 3 lill-

Kummissjoni, flimkien mal-indirizz tas-sit elettroniku fejn dawk il-listi jkunu ġew ippubblikati. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħolqa għal dawk l-indirizzi fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha.

Kummissjoni, flimkien mal-indirizz tas-sit elettroniku fejn dawk il-listi jkunu ġew ippubblikati. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħolqa għal dawk l-indirizzi fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Iċ-ċertifikazzjoni għandha titwettaq b'mod indipendenti sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Il-konformità għandha tiġi żgurata ma' pjattaformi standardizzati eżistenti identifikati f'konvenzjonijiet internazzjonali li huma applikabbli fl-Unjoni.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Sistemi tal-IT eżistenti, li bħalissa qed jintużaw mill-operaturi ekonomiċi fis-settur tat-trasport biex jipprovdu informazzjoni regolatorja u li jissodisfaw ir-rekwiżiti funzjonali stabbiliti fl-Artikolu 8(1), għandhom jiġu ċertifikati bħala pjattaformi eFTI.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 7, ***fl-Artikolu 8(2), fl-Artikolu 9(2), fl-Artikolu*** 11(5) u fl-Artikolu 12(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 7, ***fl-Artikolu 8(2), fl-Artikolu 9(2), fl-Artikolu*** 11(5) u fl-Artikolu 12(3) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-***

Emenda

4. ***Atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 2 għandhom japplikaw minn sena wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.***

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Qabel ma tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati u l-korpi rappreżentattivi tagħhom fil-fora xierqa, jiġifieri permezz tal-grupp ta' esperti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 5921 final tal-13.09.2018 ("Forum dwar it-Trasport Diġitali u l-Loġistika").

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 14**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14

imħassar

Proċedura ta' kumitat

- 1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**
- 2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mhux iktar tard minn *[sentejn]* mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Emenda

1. Mhux iktar tard minn *[tliet snin]* mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. ***Din l-evalwazzjoni għandha b'mod partikolari teżamina l-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż għal ċerta informazzjoni bejn in-negozji li hija meħtieġa biex tagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti fl-atti legali tal-Unjoni li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija skont it-*Titolu VI tal-Parti Tlieta tat-Trattat.****

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għandu japplika minn *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni daħħal erba' snin]* mid-dħul fis-seħħ].

Emenda

Għandu japplika minn ... *[tliet snin]* mid-dħul fis-seħħ *ta' dan ir-Regolament*].